MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR.
## PAUL COPPINI

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 121/2004

L-avukat Dr. Kevin Mompalao
Għan-nom u in rappreżentanza ta’
Carmen Kane, Joseph Grech, John Grech,
Raymond Grech, Peter Grech, Godwin Grech,
Reginald Grech, kif debitament awtorizzat
In forza ta’ Prokuri annessi P1 u P2;
Kif ukoll għan-nom ta’ Martin, Paul,
Mandy sive Amanda, Steven, u Peter
Aħwa Grech; u Angelo Grech.

vs

Vincenza Grech;
Emmanuel Grech,
Maristelle Grech.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi huma ulied Maria Stella Grech li mietet fid-disgħa u għoxrin (29) ta’ Ottubru ta’ l-elf disa’ mija u sitta u sebgħin (Dok. A).

Illi l-imsemmija Maria Stella Grech irregolat il-wirt u s-suċċessjoni permezz ta’ testment fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Cauchi tal-ħamsa (5) ta’ Jannar ta’ l-elf disa’ mija u sitta u sebghin (1976) fejn innominat lid-disa’ uliedha l-atturi bħala eredi universali tagħha (Dok. B).

Illi Frank Grech wieħed minn uliedha miet fir-Renju Unit intestat u għalhekk wirtuh uliedu l-atturi Martin, Paul, Peter, Amanda u Steven aħwa Grech.

Illi Emmanuele Grech missier l-atturi miet fis-sittax (16) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u wieħed (2001)(Dok C).

Illi wara l-mewt tal-mara tiegħu Maria Stella Grech missier l-attur reġa’ żżewweġ lil konvenuta Vincenza Grech u minn dan iż-żwieġ kellu żewġt ulied oħra ċioe’ Emmanuel Grech u Maristel Grech – il-konvenuti l-oħra f’din il-kawża.

Illi Emmanuel Grech irregola l-wirt u s-suċċessjoni tiegħ permezz ta’ testment unica charta mat-tieni mara tiegħu fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tas-sebgħa u għoxrin (27) ta’ Marzu ta’ l-elf disa’ mija u tlieta u disgħin (1993) (estratt Dok. D).

Illi fl-imsemmi testment huwa nnomina bħala eredi universli tiegħu lil atturi kollha flimkien mal-konvenuti Emmanuel Grech u Maristel Grech.

Illi fl-aħħar testment tiegħu ċioe’ dak imsemmi fil-premessa ta’ qabel din Emmanuele Grech fit-tieni artikolu ta’ l-imsemmi testment ħalla lil martu l-konvenuta Vincenza Grech, kwart (1/4) tal-fond numru erbatax (14) Triq Sant’Indrija, Nadur, Għawdex b’art annessa miegħu, flimkien ma’ l-użufrutt fuq ir-rimanenti tlett kwarti (3/4) ta’ l-imsemmi fond, liema legat kif jispeċifika l-istess testatur, jikkwalifika bħala legato di res altrui, peress illi nofs indiviż

ta' dan il-fond kien jappartjeni lil l-ewwel mara tiegħu, kif sussegwentement wirtuha wliedha l-atturi.

Illi fl-istess testment, fir-raba Artikolu tiegħu Emmanuel Grech ħalla lil dawk minn uliedu li jibqgħu celibi d-dritt ta' użu w abitazzjoni gratuwitu tal-fond numru erbatax (14) Triq Sant'Indrija, Nadur, Għawdex b'art annessa miegħu, flimkien ma' l-użufrutt fuq ir-rimanenti tlett kwarti (3/4) ta' l-imsemmi fond, liema legat kif jispeċifika l-istess testatur, jikkwalifika wkoll bħala legati di res altrui peress illi nofs indiviż ta' dan il-fond kien jappartjeni lil l-ewwel mara tiegħu, kif sussegwentament wirtuha wliedha l-atturi.

Illi l-atturi ma jridux jonoraw dan il-legat ta' ħwejjeġ ħaddieħor u jridu illi dak kollu li huma wirtu minn għand ommhom Maria Stella Grech, jkun immedjatament tagħhom u mmedjatament disponibbli għalihom.

Illi l-atturi ma humiex jaċċettaw l-eredita' ta' missierhom u jridu li jieħdu l-leġittima spettanti lilhom fuq dan il-wirt ta' missierhom Emmanuel Grech.

Illi f'dak illi jirrigwarda l-eredita' ta' ommhom l-atturi, fejn hemm proprjeta' indiviża ma' l-eredita' ta' missierhom huma ma jridux jibqgħu fi stat ta' kommunjoni mal-konvenuti.

Illi l-konvenuti minkejja diversi interpellazzjonijiet baqgħu inadempjenti.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Taħtar amministratur fit-termini ta' l-artikolu erba' mija u erbgħa u disgħin (494) tal-Kodiċi Ċivili sabiex jamministra l-beni in diviżjoni.

2. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ġia eżistenti bejn l-imsemmija Emmanuel Grech u Maria Stella Grech, billi jiġi dikjarat li tikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u mmobbli li jirriżultaw fil-kors tal-kawża.

3. taqsam il-komunjoni ta’ l-akkwisti hekk likwidata f’żewġ porzjonijiet ugwali li jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-assi separati tal-konjuġi Emmanuel u Maria Stella Grech.

4. tassenja l-assi partikolari ta’ Maria Stella Grech konsistenti f’nofs il-komunjoni ta’ l-akkwisti hekk likwidata u l-beni l-oħra kollha parafernali mobbli u mmobbli li jirriżultaw fil-kors tal-kawża lill-atturi **indiviżament** bejniethom.

5. tillikwida l-assi partikolari ta’ Emmanuel Grech billi jiġi dikjarat li jikkonsistu f’nofs il-komunjoni ta’ l-akkwisti hekk likwidata u l-beni l-oħra kollha parafernali mobbli u mmobbli li jirriżultaw fil-kors tal-kawża, sabiex hekk tkun tista’ tinħadem u tiġi likwidata l-leġittima kif mitlub fit-talba ta’ wara din.

6. tillikwida l-leġittima spettanti lill-atturi mill-wirt ta’ missierhom Emmanuel Grech skond il-liġi.

7. Tordna l-assenjazzjoni u ħlas ta’ din il-leġittima lil kull wieħed u waħda minn l-atturi u fil-każ ta’ l-aħwa Martin, Paul Peter, Amanda, u Steven aħwa Grech tassenjalhom indiviżabment il-leġittima spettanti lil missierhom illum mejjet, Frank Grech.

8. taħtar Nutar Pubbliku malti sabiex jippubblika l-att opportun tad-diviżjoni f’dik id-data ħin u lok li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti bl-intervent ta’ kuraturi nominandi li jinħatru sabiex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

9. fin-nuqqas u f’każ li jirriżulta illi l-beni m’humiex kommodament diviżibbli bejn il-kontendenti, tordna l-liċitazzjoni ta’ l-istess beni sabiex ir-rikavat jiġi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti kif ingħad hawn fuq.

Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk ta’ l-ittri interpellatorji spediti fil-21 ta’ Lulju 2004 u fl-20 ta’ Awwissu 2004 u dawk ta’ l-ittra uffiċċjali ta’ Lulju 2004.

Il-konvenuti jinsabu mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġu nġunti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi maħlufa minn Dr. Kevin Mompalao.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Preliminarjament in-nullita’ taċ-ċitazzjoni stante li l-atturi ma setgħux jipproċedu bil-kawża odjerna qabel ma fl-ewwel lok, jirrinunzjaw għal l-eredita’ ta’ missierhom, Emmanuel Grech quddiem il-Qorti kompetenti;

2. Preliminarjament l-atturi jridu wkoll fl-ewwel lok jipprovaw il-mandat li suppost għandhom mingħand Joseph Grech kif ukoll mingħand Paul, Mandy sive Amanda, Steven u Peter aħwa Grech ulied il-mejjet Francis Grech;

3. Preliminarjament ukoll u mingħajr ebda preġudizzju għal premess, dina l-kawża ma tistax tkompli qabel ma ssir id-denunzja tal-assi immobiljari ta’ Francis Grech iben il-mejjet Emmanuel u Maria Stella konjuġi Grech;

4. fil-mertu u mingħajr ebda preġudizzju għal premess, l-ewwel talba għal ħatra ta’ amministratur ma tistax tintlaqa’ stante li l-uniku beni immobiljari in diviżjoni hija d-dar tal-abitazzjoni tal-armla Vincenza Grech (li għandha l-użufrutt ġenerali tal-mejjet żewġha, Emmanuele Grech) u ta’ uliedha Emmanuel Grech u Maristelle Grech, -- dawn ta’ l-aħħar trabbew u għexu hemm filwaqt li dan il-fond huwa l-uniku post fejn tgħx ukoll l-armla, Vincenza Grech flimkien ma’ uliedha, Emmanuel Grech u Maristelle Grech. Oltre dana l-atturi kollha, ħlief għal wieħed, Angel Grech jinsabu imsiefra u għaldaqstant m’hemm l-ebda u skop għal ħatra ta’ amministratur;

5. Fil-mertu u mingħajr ebda preġudizzju għal premess, il-konvenuti ma jopponux għat-talbiet attriċi purċhe’ li fl-ewwel lok jitnaqqas bħala prelevamenti l-ammont ta’ flus f’meljoramenti u benefikati li d-decuius, Emmanuel Grech u t-tieni mara tiegħu, Vincenza Grech erogaw fid-dar tal-abitazzjoni tagħhom u ċioe’ fil-fond bin-numru erbatax (14), Triq Sant’Indrija, Nadur, Għawdex u fit-tieni lok li l-atturi jitħallsu tad-diversi serviġi, kuri w assistenzi li huma rrendew lill-mejjet, Emmanuel Grech speċjalment matul l-aħħar snin ta’ ħajtu, liema serviġi, kuri w assistenzi huma debitu tal-komunjoni tal-akkwisti u għaldaqstant għandhom jitnaqqsu qabel ma tiġi ikkomputata l-leġittima spettanti lill-atturi skond il-liġi mill-eredita’ tal-missier, Emmanuel Grech.

Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti maħlufa minn Vincenza Grech.

Rat is-sentenza *in parte* tagħha tal-25 ta’ April 2008 fuq il-kwistjoni mqajjma fir-Rikors tal-konvenuti tas-16 ta' Ottubru 2007.

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta' Jannar 2010 fejn innominat lill-A.I.C. Mario Cassar bħala perit tekniku sabiex jagħmel valutazzjoni tal-fond in diviżjoni u ta' kwalunkwe benefikati li setgħu saru fih mill-konvenuta Vincenza Grech.

Rat ir-rapport ta' l-istess perit tekniku ppreżentat fit-3 ta' Awwissu 2010 u minnu maħluf fil-15 ta Ottubru 2010.

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Jannar 2011 fejn il-perit tekniku ġie ordnat jerġa' jaċċedi fuq il-fond in diviżjoni u jikkonferma l-qisien u l-valutazzjoni minnu magħmula.

Rat ir-rapport addizzjonali ta' l-istess perit ippreżentat fit-8 ta' Marzu 2011 u minnu maħluf fl-istess ġurnata.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi proprio et nomine qed jitolbu l-leġittima spettanti lilhom mill-wirt ta' missierhom Emmanel Grech, kif ukoll il-likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-eredita' ta' ommhom Maria Stella Grech. Fil-mori tas-smiegħ ta' din il-kawża inqalgħet kwistjoni bejn il-kontendenti dwar jekk il-konvenuta Vincenza Grech, it-tieni mara tad-*decujus*, setgħetx tibbenefika mid-dritt tal-konjuġi superstiti li jibqa' jgħix fid-dar residenzjali in segwitu għall-mewt tal-konjuġi l-ieħor, u dana a tenur ta' l-artikolu 633A(1) tal-Kodiċi Ċivili, fil-każijiet fejn il-werrieta jkunu ġia akkwistaw drittijiet ta' proprjeta' fuq il-ħwejjeg tal-konjuġi premorjent, qabel ma ġiet fis-seħħ din l-emenda, bħal ma għandna wkoll fil-każ in eżami, għaliex jirriżulta illi Maria Stella Grech, l-ewwel mara ta' Emanuel Grech, u komproprjetarja tal-fond residenzjali in kwistjoni kienet mietet fid-29 ta' Ottubru 1976.[1] Fis-sentenza *in parte* tagħha dwar din il-kwistjoni, l-Qorti kienet qalet li "*l-qrati tagħna ma kienux lesti jwessgħu l-protezzjoni ta' l-artikolu 633A biex tinkludi wkoll lil konjuġi superstiti, anke meta mhux komproprjetarju tad-dar residenzjali u l-konjuġi premorjent lanqas kien il-proprjetarju assolut,*" u għalhekk iddeċidiet li l-atturi proprio et nomine kellhom kull dritt jitolbu d-diviżjoni tal-fond ippossedut in komun mal-konvenuti, minkejja li l-armla tad-*decujus* kienet għadha ħajja.

Mill-provi prodotti rriżulta li omm l-atturi Maria Stella Grech, kienet irregolat is-suċċessjoni tagħha permezz ta' testment *unica carta* ma' żewġha fl-atti tan-Nutar Dottor Guzeppi Cauchi tal-5 ta' Jannar 1976, fejn innominat lid-disa' uliedha, atturi f'din il-kawża jew kif rappreżentati, bħala eredi universali tagħha.[2] In segwitu għall-mewt tagħha, żewġha Emmanuel Grech reġa' żżewweġ, din id-darba lill-konvenuta Vincenza Grech, u minn dan it-tieni żwieġ kellu żewġt itfal oħra, l-konvenuti Emmanuel u Maristelle aħwa Grech. Permezz tat-testment *unica carta* tiegħu tas-27 ta' Marzu 1993, flimkien mat-tieni mara tiegħu, d-*decujus* innomina lill-ħdax-il uliedu bħala eredi

[1] Dok. A a fol. 8 tal-process .
[2] Dok. B a fol. 9 - 10 .

universali tiegħu. Imma b'titolu ta' legat fl-istess testment ħalla lil din it-tieni mara tiegħu kwart (1/4) indiviż mill-fond numru 14, Triq Sant'Indrija, in-Nadur, Għawdex, bl-art annessa miegħu fi proprjeta' u r-rimanenti tlett kwarti (3/4) indiviżi f'użufrutt tul ħajjitha. Bl-istess titolu ħalla wkoll lil dawk minn uliedu li jibqgħu ċelibi d-dritt ta' użu u abitazzjoni gratuwitu ta' l-istess fond, flimkien ma' l-użufrutt fuq ir-rimanenti tlett kwarti (3/4) ndiviżi. Fl-istituzzjoni ta' dawn il-legati, ddikjara li kien jaf li l-ewwel mara tiegħu kellha sehem indiviż mill-istess proprjeta'.[3]

L-atturi ma riedux joqgħodu għat-testment ta' missierhom u għalhekk għażlu li jipperċepixxu minflok il-leġittima. Għalhekk permezz ta' din il-kawża talbu l-likwidazzjoni u d-diviżjoni ta' l-assi tal-mejta ommhom, filwaqt li qed jitolbu biss il-leġittima fuq il-wirt ta' missierhom. Talbu wkoll li sakemm tiġi deċiża din il-kawża jinħatar amministratur fit-termini ta' l-artikolu 494 tal-Kap. 16. Billi pero' l-unika assi in diviżjoni rriżulta li kienet id-dar residenzjali tal-mejtin Emanuel u Maria Stella konjuġi Grech, u din id-dar kienet fil-mori tal-kawża tinsab okkupata mill-konvenuti, ma kienx il-każ li jinħatar tali amministratur.

Jidher li l-unika assi li kellha omm l-atturi Maria Stella Grech fl-epoka tal-mewt tagħha, kien in-nofs (1/2) indiviż tad-dar residenzjali u ċioe' tal-fond numru 14, Triq Sant' Indrija, in-Nadur. Billi Maria Stella Grech kellha disat itfal, u wieħed minnhom miet qabel ma ġiet istitwita din il-kawża, jiġi li l-atturi mill-wirt ta' ommhom imisshom wieħed minn tmintax (1/18) il-parti ndiviża kull wieħed/waħda minnhom minn dan il-fond, filwaqt illi l-ħames atturi l-oħra, ulied il-mejjet Francis Grech, imisshom wieħed minn disgħin (1/90) parti ndiviża mill-istess fond.

L-assi tad-*decujus* Emanuel Grech jidher li kien jikkonsisti wkoll fin-nofs (1/2) indiviż l-ieħor ta' l-istess fond residenzjali. Billi l-atturi qegħdin ifittxu li jingħataw il-leġittima mill-assi tiegħu, u Emanuel Grech kellu ħdax-il ulied, jiġi li l-atturi imisshom wieħed minn erbgħa u

[3] Dok. D a fol. 12 recto u tergo .

erbgħin (1/44) ieħor kull wieħed/waħda minnhom minn dan il-fond, bħala sehemhom minn din il-leġittima, ħlief għall-ulied il-mejjet Francis Grech li jmisshom sehem minn mitejn u għoxrin parti ndiviżi (1/220) oħra għall-istess fini.[4] Il-konvenuta Vincenza Grech imissha kwart (1/4) indiviż minn dan il-fond, imħolli lilha, kif ingħad, permezz tal-legat testamentarju ta' żewġha, u l-konvenuti l-oħra jiġi li jmisshom wieħed minn erbgha u erbgħin (1/44) parti ndiviżi kull wieħed/waħda minn dan il-fond. Il-kontendenti jaqblu ma' dawn il-kwoti, kif jirriżulta minn Nota ta' l-atturi tat-22 ta' Mejju 2009,[5] u dik tal-konvenuti tas-26 ta' Ottubru 2009.[6]

Żgur li l-fond ippossedut in komun bejn il-kontendenti, kif deskritt fir-relazzjoni peritali ta' l-A.I.C. Mario Cassar,[7] ma jistax jinqasam komodament u mingħajr diskapitu la billi l-atturi dawn jieħdu flimkien bejniethom il-wieħed u tletin minn erba' u erbgħin (31/44) parti minn dan il-fond, kif qed jipproponu fiċ-ċitazzjoni, u wisq inqas billi l-istess fond jinqasam bejn daqstant kondividendi, u dan għar-raġunijiet spjegati fid-dettal fid-depożizzjoni in eskussjoni tal-perit tekniku.[8]

Għalhekk biex l-atturi jkunu jistgħu jipperċepixxu l-isħma spettanti lilhom minn dawn l-ereditajiet, il-fond imsemmi jkollu jinbiegħ bis-subbasta, sabiex ir-rikavat imbagħad jinqasam bejn il-kondividendi/leġittimarji, skond il-każ, fil-kwoti rispettivi spettanti lilhom. Għall-fini ta' valutazjoni għandha tittieħed l-istima ppreparata mill-perit tekniku li stabilixxa din il-valutazzjoni fis-somma ta' mija ħamsa u sebgħin elf euro (EUR175,000).[9] Billi fir-rapport tiegħu l-istess perit legali stabilixxa li l-konvenuta kienet għamlet benefikati ammontanti fis-somma ta' elf euro (EUR1000) fil-fond ippossedut in komun,[10] din is-somma għandha tiġi perċepita mill-istess konvenuta qabel ma jinqasam ir-rikavat. Fin-Nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom il-konvenuti

[4] art. 616(1) tal-kap. 16 .
[5] a fol. 185 .
[6] a fol. 190 .
[7] ara deskrizzjoni a fol. 205 .
[8] ara din id-deposizzjoni li nghatat fil-25 ta' Jannar 2011 .
[9] a fol. 206 .
[10] ara stima ta' dawn il-benefikati a fol 206 ukoll .

jgħidu li għandhom jiġu kkumpensati ta' diversi serviġi li rredew lid-*decujus* Emanuel Grech fl-aħħar snin ta' ħajtu. Dwar dan pero' baqgħu ma ressqu ebda provi.

Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża billi:

1. tiċħad l-ewwel talba billi, kif ġia ngħad, ma kienx il-każ;

2. tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-komunjoni ta' l-akkwisti ġia eżistenti bejn l-imsemmija Emmanuel Grech u l-ewwel mara tiegħu Maria Stella Grech, kien jikkonsisti unikament fid-dar bin-numru erbatax (14) Triq Sant' Indrija, in-Nadur, Għawdex;

3. tilqa' t-tielet talba u tassenja nofs (1/2) indiviż minn din id-dar lill-assi tal-mejta Maria Stella Grech, u n-nofs (1/2) indiviż l-ieħor lill-assi tal-mejjet Emmanuel Grech;

4. tiddeċidi dwar ir-raba talba billi tassenja n-nofs (1/2) indiviż spettanti l-assi partikolari tal-mejta Maria Stella Grech lit-tmien uliedha atturi, proprio et nomine, b'tali mod li dawn imisshom wieħed minn tmintax (1/18)-il parti indiviżi kull wieħed/waħda mill-fond imsemmi bħala sehemhom mill-assi ta' ommhom, filwaqt illi l-atturi l-oħra ulied il-mejjet Francis Grech, imisshom wieħed minn disgħin (1/90) parti kull wieħed/waħda minn dan il-fond għall-istess fini;

5. tilqa' l-ħames talba u tillikwida l-assi partikolari tal-mejjet Emmanuel Grech u tiddikjarah konsistenti fin-nofs (1/2) indiviż l-ieħor mill-istess dar numru 14, Triq Sant' Indrija, n-Nadur, Għawdex;

6. tilqa' s-sitt talba u tillikwida l-leġittima spettanti lill-atturi mill-wirt ta' missierhom billi tiddikjara li din tikkonsisti fil-wieħed minn erba' u erbgħin (1/44) kull wieħed/waħda minnhom mill-fond hawn fuq imsemmi, ħlief għall-atturi ulied il-mejjet Francis Grech, li jmisshom wieħed minn mitejn tnejn u ghoxrin (1/220) parti kull wieħed/waħda minnhom mill-istess fond;

7. tilqa' s-seba' talba u tordna l-assenjazzjoni u ħlas ta' din il-leġittima lill-atturi;

8. tiċħad it-tmien talba billi l-unika assi mmobbli in diviżjoni mhux komodament diviżibbli; u

9. tilqa' d-disa' talba u tordna l-liċitazzjoni tal-fond bin-numru erbatax (14) Triq Sant'Indrija, n-Nadur, Għawdex, bl-art annessa miegħu, u kif deskritt fir-relazjoni peritali ta' l-A.I.C. Mario Cassar, sabiex, wara li jinqatgħu l-ispejjeż u jitħallsu lill-konvenuta Vincenza Grech il-benefikati stmati fis-somma ta' elf euro (EUR1000) mill-istess perit tekniku, il-bilanċ tar-rikavat jinqasam bejn il-kondividendi, kulħadd skond is-sehem rispettiv tiegħu, kif stabilit f'din is-sentenza.

L-ispejjeż, barra dawk ġia stabiliti fis-sentenza *in parte* tagħha ta' l-10 ta' Ottubru 2008, għandhom jitħallsu kwantu għal dawk li jirrigwardaw id-diviżjoni, kulħadd skond is-sehem rispettiv tiegħu, u kwantu dawk li jirrigwardaw il-leġittima dovuta lill-atturi, bejn il-konvenuti Emmanuel Grech u Maristelle Grech, bħala uniċi eredi rimanenti tal-mejjet missierhom Emmanuel Grech.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------